MALTA

**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**
**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 892/2005

**Henry Rota**

**-vs-**

**Mary Rota**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi tas-26 ta'Settembru 2005 li jaqra hekk:

*"Peress illi l-attur ta' b'self brevi manu is-somma ta' sebghin elf liri Maltin lil konvenuta sabiex din tkun tista takkwista minn subbasta illi saret fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu elf disa mija u disgha u dishgin (1999) porzjon art maghrufa bhala 'tal-Pagun' fll-kuntrada' ta' Gnien San Pawl, jew Ta' Tranka fil-limiti tal-Gharghur Malta, tal kejl ta' cirka tlett elf disa' mija u erbgha u tletin metri kwadri (3934mk) konfinanti mit-tramuntana ma beni ta' Bartolomeo Mifsud. nofsinhar ma beni ta' Mario Mifsud, u punent ma beni ta' Go Batta Borg, jew irjieh verjuri.*

*Peress illi l-kovenuta ma hallset xejn minn din is-somma ghajr parti minn l-imghaxijiet.*

*Peress illi minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas din is-somma l konvenuta baqghet inadempjenti.*

*Peress illi l-konvenuta l-anqas hallset l-imghaxijiet kollha dovuti izda biss parti minnhom.*

*Tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex:-*

*1 . Tiddikjara lil konvenuta debitrici fil-konfront ta' l-attur fis-somma ta' sebghin elf liri Maltin (Lm70,000) mislufa lilha kif fuq imsemmi, flimkien ma l-imghaxijiet skond il-ligi.*

*2. Tikkundanna lil istess konvenuta sabiex thallas lil attur is-somma ta' sebghin elf liri Maltin {Lm70,000), flimkien ma l-imghaxijiet skond il-ligi.*

*Bl-ispejjes kollha nkluza VAT, u nkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali ta' Awissu 2005, u dawk tal-mandati ta' inibizzjoni fejn it-talba teccedi l-Lm5000, u mandat ta' sekwestru prezentati kontra l-konvenuta.*

*Bl-ingunzjoni tal-konvenuta minn issa ghas- subizzjoni.”*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti guramentata tal-attur Henry Rota tas-26 ta’Settembru 2005;

Rat il-lista tax-xhieda ndikata mir-rikorrenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat illi l-atti tac-citazzjoni, digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimata skond il-ligi bil-procedura tal-affissjoni, fil-11 ta’ April 2006, u bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern 13 t’April 2006 u fil-Gazzetti Lokali fis-27 t’April 2006;

Rat in-nota t’eccezzjonijiet tal-konvenuta tas-17 t’April 2006 li taqra hekk:

1. *"IIli ghalkemm huwa minnu illi f'Marzu jew April tas-sena 1999, l-attur kien silef lill-eccipjenti is-somma ta' Lm70000, huwa kien hafer l-obbligu ta' hlas f' Marzu jew April tas-sena 2005, ghalhekk ebda ammont ma ghadu dovut lill-istess attur.*

2. *Illi is-self sar minnghajr imghax.*

3. *Illi sakemm gie mahfur id-dejn, l-eccipjenti kienet lahqet hallset ossija irrifondiet lill-attur akkont tas-self hekk moghti is-somma komplessiva ta' Lm37650.*

4. *Salvi eccezzionijiet ohra."*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta tas-17 t'April 2006 ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat d-digriet tal-25 ta' Mejju 2006 li bih il-Qorti kif diversament preseduta innominat lill-Assistant Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli illum Magistrat;

Rad-id-digriet tat-30 ta'Mejju 2008 illi bih gie nominat il-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea;

Rat ir-relazzjoni ta'Dr. Ian Vella Galea minnu ezebita u mahlufa fl-1 t'April 2013;

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-konvenuta (a fol.244 et seq);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur (a fol. 251 et seq);

**Ikkonsidrat:**

Illi fl-affidavit tieghu a fol 29 et seq l-attur Henry Rota xhed illi fis-sena 1999, huwa gie avvicinat minn martu Mary Rota (minnha sseparat) sabiex jislifha xi flus sabiex taghmel

negozju fuq xi art li xtaqet tixtri. L-attur xhed li kien irrifjuta. Kienet regghet talbitu f'Marzu 1999 u rega irrifjuta li jivversalha s-somma ta' sebghin elf liri Maltiin (Lm70,000) sabiex tixtri tlett porzjonijiet ta' art li kienu ser jerghhu jinbieghu bi profitt fi ftit snin.

Xi ftit jiem wara, martu u bintu Elaine kienu marru d-dar tieghu, Elaine bdiet tibki u spjegatlu li bin-nuqqas tas-self da parti tieghu, hi u ohtha Joanne (li tghix fl-Olanda) kienu ser jitilfu nofs l-art in kwistjoni.

Henry Rota xhed illi in vista ta dana kollu u sabiex ma jtellifx lill uliedu din l-opportunita', accetta li jsellef l-ammont ta' wiehed u sebghin elf ,u hames mitt liri Maltin (Lm71,500) bil-patt li l-interessi li kienu qed jippercepixxu dawn l-flus li kienu investiti barra minn Malta, (tnax punt hamsa fil-mija (12.5%)) jigu mhallsa minflok mill-intimata.

Illi ghalhekk kien ftiehem ma martu li kellha thallas sitt mija u hamsin liri maltin (Lm650) fix-xahar **f'interessi biss**.

Kontra l-parir tal-Avukat tiehu Dr. Kevin Mompalao, l-attur accetta li jsellef l-ammont fuq indikat lil martu Mary Rota. Henry Rota ikkonferma li s-self qatt ma gie redatt fi skrittura.

Henry Rota xhed illi huwa ghaddha lil martu is-somma ta' wiehed u hamsin elf u hames mitt lira Maltin (Lm51,500) f'*cheque* mahrug minn *stock brocker* Michael Grech u ghoxrin elf liri Maltin (Lm20,000) fi flus kontanti. Dan ic-*cheque* gie mibdul u maghmul pagabbli lil Registratur tal-Qorti. Dan sar fit-13 t'April 1999 waqt illi s-subbasta saret fil-25 ta' Marzu 1999 u li l-art in kwistjoni giet liberata favur Mary Rota.

Henry Rota xhed illi l-hlas ta sitt mija u hamsin liri Maltin (Lm650) interessi beda f'Lulju 1999. Fis-7 ta' Novembru 1999, dan l-ammont ta' interessi gie ridott bi ftehim ghal hames mija Liri Maltin (Lm500) fix-xahar.

L-attur xhed illi il-ftehim kien fis-sens li meta tinbiegh l-art, f'inqas minn tlett snin s-somma mislufa kellha tithallas lilu.

L-attur sostna illi l-pagament ta' hames mija Liri Maltin (Lm500) kien l-entrojtu ghal ghejxien tieghu (vide fol. 32), izda il-pagamenti ma kienux jsiru puntwalment. F'April 2002

bintu Elaine talbitu jikkoncedi aktar zmien ‘l ghaliex l-art kienet ghada ma nbieghetx u hu accetta.

Elaine kienet pperswadietu jiddeposita s-somma ta’ tmient elef liri Maltin (Lm8,000) minn wirt u flus mgemmgha, f’kont f’isimha. **Rota xhed illi kellu fiducja ceka f’bintu u ghalhekk fetah kont fil-BOV Nru 400 127 96333 f’Awwissu tas-sena 2003**. Dan sar ukoll sabiex l-flus mhallsa minn martu, Mary Rota, kull xahar jigu depositati f’dan l-akkont.

L-attur Rota xhed ill l-pagamenti da parti ta’martu fil-fatt waqqfu u fis-19 ta’Lulju 2004.

Fil-bidu t’Awwissu kellem lil bintu Elaine u sussegwentement lil martu u hawnhekk kien gie attakkat minn martu b’cavetta, tant illi kellu jirrikorri ghand t-Tabib tieghu Dr. John Borg.

Henry Rota jinnega li qatt hafer xi parti mid-dejn lil martu.

L-attur ezebixxa Dok. A a fol 36 rendikont tal-pagamenti li saru minn martu minn April 2000 sa April 2005 fis-somma ta’ tmintax –il elf seba’ mija u hamsin (Lm18,750), Dok B sa Dok E1 a fol 37 sa 41, *statment of account* 400 127 96 333 f’isem Elaine Pace Rota, Dok. F certifikat mediku tat-3 t’Awwissu 2005, Dok. G *cheque book* u Dok. H, I, J tlett ritratti tal-griehi subiti.

Michael Grech fl-affidavit tieghu a fol 46, xhed illi kien *stockbroker* u li l-attur Henry Rota kien klijent tieghu, Huwa afferma li f’Marzu 1999 Henry Rota xtaq jirtira l-investiment li kellu barra minn Malta sabiex isellef il-flus lil martu li xtaqet tixtri bicca art bis-subbasta. Michael Grech ikkonferma li huwa kien finalment hareg *cheque* lil Registrar of Courts f’ammont ta’ wiehed u hamsin elf u hames mitt liri Maltin (Lm51,500) u ghadda ghoxrin elf liri Maltin fi flus kontanti u ezebixxa a fol. 47 kopja tac-*cheque* msemmi.

Dr. Kevin Mompalao fl-affidavit tieghu (a fol 48 et seq) xhed illi kien habib tal-attur li kien talbu jindaga dwar l-art li martu xtaqet li tixtri b’subbasta permezz ta’ flus mislufa minn zewgha Henry Rota.

Dr. Mompalao ikkonferma li ghalkemm insista mal-attur illi s-self jsir permezz ta’ skrittura, Henry Rota iddecieda li s-self ma jigix redatt f’kuntratt, li jakkorda lil martu self ghas-somma

‘l fuq minn sebghin elf liri Maltin (Lm70,000) permezz ta’ *cheque* u flus kontanti fis-somma ta’ ghoxrin elf liri Maltin (Lm20,000) li nghataw lil Elaine fil-presenza tieghu (ta’ Dr. Mompalao fis-27 ta’ April 1999). Dr. Mompalao xhed illi jaf illi l-art inxtrat u li ftit qabel ma giet ntavolata l-kawza odjerna, l-attur avvicinah u qallu li martu kienet qeghda ccahdu mis-somma mislufa.

**“Qalli li matul dawn is-snin kollha qatt ma taghtu imghax ghajr pagamenti rregolari ...”** (a fol. 49).

Fl-affidavit taghha, l-konvenuta Mary Rota xhedet illi fis-sena 1999 kienet thajjret tixtri bicca art fil-Gharghur barra miz-zona tal-izvilupp li kienet ser tinbiegh bis-subbasta. Hija ghamlet l-offerta taghha ghal sebgha u disghin elf liri Maltin (Lm 97,000) u l-art giet liberata f’’isimha.

Mary Rota flimkien ma bintha Elaine, kienet marret ghand l-attur biex isellifha xi flus sabiex thallas l-art mixtrija.

Mary Rota xhedet illi hi u zewgha kienu sseparaw konsenswalment f’1989 wara tmien smin ta’ animosita’. Mary Rota xhedet illi wara dan iz-zmien kollu, kienet ddecidiet taccetta dak li offra l-attur. *“In effett spiccajt ma niehu xejn.”* (vide fol 51).

Ezatt wara s-separazzjoni personali, r-relazzjonijiet bejnha u bejn zewgha tjiebu. Fin-1990, l-attur kien marad serjament, kien baghat ghaliha u skuza ruhu ghall-agir tieghu fil-kors tas-separazzjoni. Minn dan il-punt il-quddiem r-relazzjoni bejniethom “*Saret tajba hafna”* u dana sa ftit xhur qabel ma giet ntavolata il-kawza odjerna.

Mary Rota xhedet li hija xtrat l-art bl-intendiment illi din tinqasam bejn t-tlett ulied meta l-art tidhol fl-iskema tal-izvilupp.

L-konvenuta xhedet illi meta talbet lil zewgha ghal self tal-flus, dan accetta mal-ewwel li jislifha somma ta’ sebghin elf liri Maltin (Lm70,000). Mary Rota xhedet illi kien sottintiz illi *“**dawn il-flus kienu taghna t-tnejn u li kien qieghed jislifni flusi.”*** IBID a. fol. 51.

Mary Rota xhedet li zewgha kien sellifha mas-sebghin elf liri Maltin (Lm70,000) waqt illi hija hadet *loan* ta' sbatax –il elf liri Maltin (Lm17,000) u bi ghoxrin elf liri Maltin (Lm20,000) li kellha, flimkien ma flus mislufa minn zewgha, hallset ghall-art minnha mixtrija.

Mary Rota stqarret illi l-ftit diskors li sar dwar s-self sar fil-prezenza ta' Elaine f'dar tal-attur. **Is-self kien bla imghax** u **l-attur ried flusu lura fi zmien ghaxar snin** u ghalhekk ddecidew fuq is-somma ta' sitt mija u hamsin liri Maltin (Lm650) fix-xahar li kellha tghaddielhu Elaine kull xahar fid-dar tieghu. Il-pagamenti kienu jsiru fi flus kontanti. **Qatt ma gew rilaxxati ricevuti ghal dawn il-pagamenti.**

Mary Rota xhedet illi gieli kienet tardiva fil-pagament pero meta gara dan hija kienet taghmel pagament doppju ta elf u tlett mitt liri Maltin (Lm1,300) fix-xahar ta' wara. Elaine kienet tghaddi l-pagamenti flimkien mar-ragel taghha Frank Haesler lill-attur.

In segwitu tal-ftuh tal-akkont bankarju minn Henry Rota, l-pagament beda jsir f'kont kurrenti f'isem Elaine ghall-beneficcju tal-attur.

F'dan iz-zmien, l-konvenuta talbet lil attur jnaqqas il-pagament mensili ghal hames mija liri Maltin (Lm500) fix-xahar u l-attur acetta.

Mary Rota xhedet illi b'din il-manjiera hija hallset sebgha u tletin elf sitt mija u hamsin Liri Maltin (Lm37,650) u ghamlet l-ahhar pagament ta' mija u hamsin liri Maltin (Lm1,500) fi Frar 2005.

Mary Rota xhedet illi **f'Marzu / April 2005 l-attur qallilha li ma riedx flus iktar minghandha.** Hija kienet informat lil bintha u qaltilha sabiex twaqqaf il-pagamenti. F'dan iz-zmien, **r-rapporti bejn il-partijiet kienu tajbin tant illi t-tfajla tal-attur, Dariva, kienet giet impjegata mal-konvenuta**.

**Xi ftit tal-gimghat wara li l-attur kien hafrilha dejn, l-attur informaha li Dariva kienet incita b'tarbija tieghu.**

Bejn Frar u Awwissu 2005 l-attur ma kienx isemmi s-self bis-serjeta' izda gieli talabha tghaddielu xi haga ghaliex kien maghfus.

F’Awwissu 2005 waqt li bintha Joanne kienet f’Malta ghall-vakanza, l-attur biddel l-attegjament tieghu mal-konvenuta u talab ghar-refusjoni immedjata tal-bilanc tas-somma mislufa. Il-konvenuta rrifjutat, u kien hemm illi l-attur hebb ghaliha, tant illi kellhom jintercedu is-*security personnel* tal-*airport*. Xi hmistax wara, rceviet ittra ufficjali ghas-somma ta’ sebghin elf liri Maltin (Lm 70,000).

Elaine Pace Rota fl-affidavit taghha a fol 54 et seq, xhedet dwar it-tilwim u mohqrija li ghexet fit-tfulija taghha minhabba l-agir ta’ missierha li wassal ghal eventwali separazzjoni tal-genituri taghha. Hija sostniet illi ommha kienet spiccat biex tirrinunzja ghad-drittijiet taghha biex tibda hajja gdida.

Illi in segwitu tas-separazzjoni, missierha kien marad bil-*cancer* u dan wassal ghall-bdil drastiku fir-relazzjoni tal-genituri taghha.

Illi fis-sena 1999, meta il-kovenuta xtrat l-art in subbasta, kienet talbet lil missierha ghas-self u missierha accetta li jsellef lill ommha is-somma ta’ sebghin elf liri Maltin (Lm70,000) **bla imghax** u din is-somma kellha tithallas b’rata ta’ sitt mija u hamsin liri Maltin (Lm650) fix-xahar waqt li ommha sselfet sbatax il-elf liri Maltin (Lm17,000) mill-bank.

Wara diversi snin ta’ hlas ta’ pagamenti ta’ sitt mija u hamsin liri Maltin (Lm650) kull xahar, ommha talbet lil attur inaqqas l-ammont ta’ pagament ghal hames mitt lira Maltin (Lm 500). L-attur accetta. F’dan iz-zmien l-attur kien wiret xi haga tal-flus.

Matul l-istess snin gara illi infetah kont bankarju f’isimha (Elaine) ghan-nom tal-attur, sabiex jigu depozitati l-pagamenti mensili. Ir-relazzjoni bejn il-genituri taghha f’dak iz-zmien kienet wahda ottima. Ghalkemm il-genituri kienu jghixu hajja separata, kien propju f’dan iz-zmien illi l-attur beda jghid lil konvenuta illi ma kellux bzonn flus. Kien f’dan iz-zmien illi l-konvenuta kienet waqqfet il-pagamenti mensili u kienet thallas xi haga meta l-attur kien ikun ftit maghfus mill-flus.

In segwitu ta’ diversi relazzjonijiet ma terzi, fis-7 ta’ Dicembru 2003 l-attur kellu relazzjoni ma Dariva mill-Litwanja li sussegwentement bdiet tahdem fil-hanut tal-konvenuta.

Illi nel-frattemp l-attur kien jghid lil konvenuta biex ma tinkwetax fuq il-flus ghaliex hu ma kellux bzonn ta’ flus.

Wara Jannar 2005, l-atteggjament tal-attur lejn l-konvenuta inbidel u l-attur beda jkun agressiv lejha. Kien informahom li Dariva kienet tqila bit-tarbija tieghu.

Illi f’Lulju / Awwissu 2005 waqt illi Joanne kienet Malta ghall-vakanza, l-attur beda jinsisti li l-konvenuta thallas il-kumplament tas-somma mislufa b’mod immedjat. Elaine tat rakkont tal-glieda li sehhet bejn il-genituri taghha fl-*airport* hekk kif telqet ohtha Joanne u l-intercessjoni tal-ufficcjali tas-sigurta’ *tal-airport*. Elaine Pace Rota xhedet illi in segwitu giet intavolata l-kawza odjerna. Elaine sosniet illi hija kienet ghaddiet il-flus depositati fil-kont bankarju relattiv lil missierha f’Ottubru jew Novembru tas-sena 2005.

In kontro-ezami a fol 65 et seq, Mary Rota xhedet illi minkejja illi l-partijiet kienu separati ghall-aktar minn ghaxar snin, hija xorta sostniet illi l-flus mislufa lilha kienu jappartjenu lill-partijiet.

Mary Rota sostniet illi ghalkemm il-partijiet kellhom artijiet fi Swieqi u l-*flats* indikati a fol 66, hi ma hadet ebda sehem minnhom fis-separazzjoni personali. Mary Rota ikkonfermat illi s-somma mislufa ta’ sebghin elf liri Maltin (Lm70,000) kienet investita barra minn Malta, pero ma kienitx taf b’liema rata ta’ imghax.

Mary Rota kkonfermat li sar ftehim li s-somma tithallas b’pagament ta’ sitt mija u hamsin liri Maltin (Lm 650) fix-xahar u li ma sar ebda ftehim fuq interessi. Hija sostniet li dan s-self ma giex redatt fi skrittura.

Rota xhedet illi l-pagament ta’ sitt mija u hamsin liri Maltin (Lm650) kien gie miftiehem sabiex s-somma mislufa tigi mhallsa fi zmien ghaxar snin jew qabel jekk, isehh il-bejgh tal-art. Il-konvenuta kkonfermat li l-pagamenti ma sarux b’mod regolari, izda meta ttardjat, hallset d-doppju fix-xahar sussegwenti. A fol. 69, hija sostniet li ma gew rilaxxati ebda rcevuti tal-pagamenti li kienet ghamlet.

**Mary Rota xhedet illi hija ma kienitx talbet lil zewgha jaghmel skrittura meta hafrilha d-dejn.**

Mary Rota xhedet illi zewgha kellu hafna bini  u artijiet li kienu mnizzla f'isem missieru u hutu.

Fit-tieni kontro-ezami, Mary Rota xhedet illi kienet hallset lil zewgha, s-somma ta' sebgha u tletin elf u hames mitt liri Maltin (Lm37,500) u kienet tatu elf u hames mitt liri Maltin (Lm1,500) ohra.  Ikkonfermat illi l-proprjeta' li kienet f'isem missier u hut l-attur, giet moghtija lil Elaine Pace Rota. Il-konvenuta kkonfermat illi kellha hanut, Top Line Garment Limited u kienet isselfet flus mill-bank fi tlett okkazzjonijiet.  Mitluba tikkonferma l-pagament li saru fis-snin 2000 sa 2005, Mary Rota xhedet li kellha ticcekja mar-rendikont taghha.

Fit-tielet kontro ezami a fol 88 et se Mary Rota ezebiet rendikonti tal-pagamenti maghmula lill-attur u *statement* tal-bank.  Hija xhedet illli l-proprjeta' tal-Madliena li xtrat bis-subbasta xtratha f'isimha.

Fl-affidavit ulterjuri taghha, Mary Rota xhedet illi ghamlet is-segwenti pagamenti lil zewgha:

1999 – erbgha t'elef hames mija u hamsin liri Maltin (Lm4,550) f'pagamenti ta' sitt mija u hamsin liri Maltin (Lm 650) fix-xahar;
2000 – sebghat elef u tmien mitt lira Maltin (Lm7,800);
2001 – sebghat elef u tmien mitt lira Maltin (Lm7,800);
2002 - sebghat elef u tmien mitt lira Maltin (Lm7,800);
2003 – sitt elef u seba' mitt lira Maltin (Lm6,700) fi tmien pagamenti ta' sitt mija u hamsin liri Maltin (Lm 650) u tlett pagamenti ta' hames mitt lira Maltin (Lm500);
2004 – elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500);
2005 – elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500).

A fol 101 Mary Rota xhedet illi ghal hlasijiet illi hija ghamelt l-attur ma rrilaxxa ebda rcevuta lil Elaine.

Mary Rota xhedet illi hija kienet trasferit il-proprjeta taghha f'isem it-tfal taghha *"bl-idea li tkun taghhom*" (a fol. 109).

Il-Qorti rat u ezaminat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea u ma tisghax tikkondividi mal-konkluzzjonijijet minnu raggunti, ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati.

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti ser tibda biex tezamina it-tieni eccezzjoni tal-intimata stante illi din hija intimament marbuta mat-talbiet tal-attur.

Illi jirrizulta inkontestat bejn il-parrtijiet illi **s-self originali ta' cirka sebghin elf liri Maltin (Lm70,000) ma giex redatt f'kuntratt**. Kien l-attur li ddecieda li tali ftehim ma jigix redatt fi skrittura u dana kontra l-parir tal-Avukat tieghu Dr.Mampalou. Skond ix-xhieda tal-attur, il-pagament mensili kien ta' sitt mija u hamsin liri Maltin (Lm650) fix-xahar, **u kien jikkonsisti fi interessi biss** u li *loan* kellha tithallas meta tinbiegh l-art – vide fol. 30 u 31, u cioe' f'anqas minn tlett snin.

F'dan l-istadju l-Qorti taccenna ghal fatt li minkejja illi l-attur isostni fix-xhieda kollha tieghu li silef lil-martu s-somma ta' wiehed u sebghin elf u hames mitt liri Maltin (Lm71,500), **is-somma indikata fic-citazzjoni hija dik ta' sebghin elf liri Maltin (Lm70,000).**

Ghar-rigward tal-interessi u cioe' ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, l-attur sostna illi : *"il-hlas tal-interess miftiehem ta'Lm650 beda jigi pagat f'Lulju ta' 1999"*. Dan ifisser illi l-attur kien qed jipretendi hlas ta' interessi ta' sebghat elelf u tmien mitt liri Maltin (Lm7,800) fis-sena fuq sebghin elf lira mislufa, **liema somma teccedi it-tmienja fil-mija (8%) interessi sanciti mill-ligi.**

**Infatti tmienja fil-mija (8%) interessi** anki fuq is-somma aktar gholja u cioe' ta' wiehed u sebghin elf u hames mitt liri Maltin (Lm71,500), tammonta ghall-hamest elef seba' mija u

ghoxrin liri Maltin (Lm5,720) fis-sena ekwivalenti ghal **erbgha mija u sebgha u sebghin liri Maltin (Lm 477) fix-xahar**.

Di piu' lanqas hu vero simili dak li sostna l-attur illi huwa ried jigi kompensat 'l ghaliex il-flus (li sellef lill-martu) kienu investiti barra minn Malta u qed jirrendulu tnax punt hamsa fil-mija (12.5%) interessi fis-sena. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex matematikament dan m'huwiex rifless fil-pagament mensili li pretenda minn martu.

**Tnax punt hamsa fil-mija (12.5%) interessi** anke jekk wiehed jiehu is-somma aktar gholja ta' wiehed u sebghin elf u hames mitt liri Maltin (Lm71,500) jammontaw ghall-tmint elef, disa' mija u seba' u tletin liri Maltin (Lm8,937) fis-sena, ekwivalenti ghar-rata mensili **ta'sebgha mija u hamsa u erbghin liri Maltin (Lm745).**

Illi din il-Qorti ghamlet dan l-ezercizzju fi sforz li taccerta ruhha kemm-il darba l-verzjoni tal-attur treggix, u dan l-ezercizzju juri b'mod car u inekwivoku illi l-verzjoni tal-fatti, kif dikjarati mill-attur, m'hijiex korroborata mill-fatti minnu enunzjati. Il-Qorti tfakkar ukoll illi l-attur fl-affidavit tieghu jsostni li s-self kien ser jithallas mal-bejgh tal-proprjeta' u **cioe' f'anqas minn perjodu ta' tlett snin** u l-pagament mesili kien jirrigwarda **biss l-interessi u mhux il-kapital.** Il-Qorti tgharaf ukoll illi fis-self illi l-attur minn rajh iddecieda li jakkorda lil martu, ma jidhol ebda kuncett ta' danni. L-attur ddecieda li jsellef lil martu **minn rajh**, u ma jistghax skond il-ligi Maltija jitlob aktar minn tmienja fil-mija (8%) interessi. Illi ghaldaqstant ma setghax jahbi l-interessi in eccess ta' tmienja fil-mija (8%) **billi jsejhilhom danni jew telf ta' profitt.**

Il-Qorti taghraf illi f'kawzi ta' natura civili japplika il-principju illi min jallega irid jipprova u li fil-kaz in ezami l-attur naqas illi jilhaq l-onoru tal-prova rikjest fil-kamp civili.

Infatti l-Artikolu 562 jipprovdi illi:

> ***"Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah".***

Dan gie riaffermat ripetutament minn dawn il-Qrati kif jirrizulta mis-sentenzi hawn indikati: "**Maltacom p.l.c. vs Kurt Galea Pace"** deciza mill-Qorti tal-Appell **19 ta' Mejju, 2004;**

**Joseph Camilleri vs Emanuel Calleja"** deciza mill-Qorti tal-Appell **20 ta' Jannar**, **2003**", kif ukoll **"Paul Vassallo vs Carmelo Pace", Appell Civili,** deciza **5 ta' Marzu 1986; "Fogg Insurance Agencies Ltd –vs- Margaret Thuema", Appell, Sede Inferjuri,** deciza **22 ta' Novembru 2001."**

Il-Qorti in vista tac-cirkostanzi fuq indikati, tqis illi huwa ferm aktar verosimili illi fil-fatt il-konjugi Rota ftehmu li dan is-self li kellu jsir **minghajr interessi**, u li l-ammonti imhallsa minn Mary Rota kif jidher mir-rendikont minnha ezebit, **thallsu akkont tal-kapital** misluf minn Henry Rota sa Marzu/ April 2005.

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimata.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta hija fis-sens li l-attur kien hafer l-obbligu tal-hlas lura tas-sebghin elf liri Maltin (Lm70,000) lilha mislufa f'Marzu jew April tas-sena 2005 wara illi hija kienet ghamlet pagamenti mensili sostanzjali versu l-istess somma mislufa.

L-Artikolu 1232(1) tal-Kapitolu 16 jipprovdi:

> ***"Meta mhux mehtieg mill-ligi li obbligazzjoni jew it-tmiem taghha jidhru minn att pubbliku jew minn kitba privata, il-prova tal-obbligazzjoni jew tat-tmiem taghha tista' ssir bix-xhieda jew b'mezzi ohra maghrufa mil-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili."***

Illi Mary Rota u Elaine Pace Rota it-tnejn sostnew illi wara li kienet d-dijanjosi tal-*cancer* fuq l-attur Henry Rota, l-istess Henry Rota kien ghaddha minn biddla radikali, liema biddla sarrfet f'avvicinament mal-familja tieghu. Din il-bidla kienet wahda fundamentali u sahhansitra wasslet, din il-Qorti temmen, lill-attur li jahfer il-hlas tal-kumplament tal-flus mislufa minnhu lill-martu.

Din il-mahfra ta' self, bhal dik niente di meno tas-self innifsu, **kienet wahda li ma gietx redatta fi skrittura privata jew kuntratt.** Din il-Qorti ma tisghax tifhem kif l-attur jippretendi li din il-Qorti ghandha temmen f'self li sar bla kuntratt, u fl-istess hin ma temminx li l-mahfra ta' self saret ukoll bla kuntratt.

Din il-mahfra giet konfermata mix-xhud indipendenti Elaine Pace Rota li tigi t-tifla tal-kontendenti, maghzula mill-attur bhala l-mezzana – cioe' l-*go between* bejn il-genituri taghha. Din it-tifla fi kliem l-attur, kellha l-fiducja ceka ta' missierha.

Apparti x-xhieda tal-omm rigwardanti il-mahfra tal-kumplament tas-self, Pace Rota affermat diversi drabi fix-xhieda taghha illi wara r-*rapproachment* tal-genituri taghha in segwitu tal-marda serja ta' missierha, li l-istess missier beda jtenni kliem li ma kellux bzonn flus u li ommha ma kellhiex ghalfejn tinkwieta fuq il-flus u li setghet izommhom – vide paragrafu tlettax tal-affidavit ta' Pace Rota a fol. 56.

Il-Qorti rat u ezaminat is-sentenza **"Benedict sive Benny Cassar vs Mary Xuereb"** deciza fil-**15 ta' Frar 1995**, fejn il-Qorti tal-Appell li fil-kuntest tal-mahfra, kienet sabet illi mill-provi migbura, kien irrizulta li r-rapport bejn il-partijiet kien tbiddel "radikalment", u ikkonkludiet illi kien hemm mahfra tad-dejn u ppronunzjat ruhha dwar l-intenzjoni tal-mahfra :

> ***"Ovvjament biex dan jirrizulta trid tirrizulta wkoll l-intenzjoni tal-parti li qed tahfer dan id-dejn li fil-fatt hekk riedet taghmel. Kif gie ukoll sostnut f'din il-kawza il-mahfra tista' tkun anke tacita'"***

Vide ukoll "**Carmelo Said et vs Antonia Azzopardi et**" deciza Prim Awla fis-**27 t'April 1987**.

Il-Qorti rat u ezaminat il-pagamenti illi saru minn Mary Rota wara li inhafer is-self u taghraf li dawn il-pagamenti saru biss fi sforz li Henry Rota jigi plakat ghal ftit zmien u li ma jkunx

hemm digenerazzjoni totali tar-relazzjonijiet illi kienu regghu b'xi mod jew iehor inbnew bejn il-partijiet.

Ghar-rigward tar-rapport tal-Perit Legali, din il-Qorti taghraf illi l-Perit ma ndirrizax il-kwistjoni tal-imghax eccessiv mitlub mill-attur fis-self li huwa akkorda lil martu u cioe' imghax li jmur oltre t-tmienja fil-mija (8%) interessi permessi skond il-ligi, u li t-talba kif maghmula mill-attur kienet konsegwentement minusa minn causa illegali u tmur kontra l-ordni pubbliku.

Illi minflok il-Perit Legali ha parti mill-verzjoni ta' Mary Rota u pprova jisforza l-kalkolu matematiku. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex l-imghax ikkalkolat mill-Perit Legali ma giex komputat a skaletta. In oltre giet prefissa data minn meta ghandu jibda jidekorri l-imghax ulterjuri biex b'hekk stabilixxa perijodu fejn il-Qorti ghandha tikundanna lil Mary Rota thallas imghax doppju u cioe' bis-sittax fil-mija (16%) – vide paragrafi 5, 6, 7 u 8 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta a fol. 246 u 247.

Din il-Qorti rat u ezaminat ir-rendikont tal-konvenuta Mary Rota u taghraf illi gew maghmula l-pagamenti skond ir-rendikont minnha ezebit u li l-attur ma kienx jirrilaxxa ricevuta ghall-hlas maghmul minn Mary Rota. Dan gie affermat minn bint il-kontendenti Elaine Pace Rota.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Mary Rota u tichad it-talbiet tal-attur.

Fic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti tqis illi jkun ghaqli illi l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------